MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1711/2005

**Elmo Insurance Limited (C3500)**

**Vs**

**Anthony Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25.00), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes kif mitluba.

Ra illi fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2005, il-konvenut deher u informa lit-Tribunal illi huwa xtaq illi jikkontesta t-talba attrici, filwaqt illi t-Tribunal fihem lill-istess konvenut bil-bzonn illi tigi pprezentata risposta skond il-ligi;

Ra illi l-kawza giet differita ghall-presentata tar-risposta ghas-6 ta’ Dicembru 2005;

Ra illi sas-seduta tas-6 ta’ Dicembru 2005 baqghet ma gietx ipprezentata risposta mill-konvenut;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-6 ta’ Dicembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25.00), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------